IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.6.2020
COM(2020) 266 final

ANNEXES 1 to 4

ANNESSI

tar-

Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2284 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi

ANNESS I

Il-konformità pprojettata kif irrappurtata mill-Istati Membri fl-2019 bil-politiki u l-miżuri eżistenti (ix-xenarju "b'miżuri") meta mqabbla mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 sal-2029 u għall-2030 'il quddiem

Stat Membru	NO_x		NMVOC		SO_2		NH_3		$PM_{2.5}$	
	2020	2030	2020	2030	2020	2030	2020	2030	2020	2030
L-Awstrija	✓	×	✓	✓	✓	✓	×	×	✓	×
Il-Belġju	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	×	✓	✓
Il-Bulgarija	✓	×	×	×	✓	✓	✓	×	×	×
Il-Kroazja	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Ċipru	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Iċ-Ċekja	✓	×	✓	×	✓	✓	✓	×	✓	✓
Id-Danimarka	✓	✓	✓	✓	✓	×	×	×	×	×
L-Estonja	✓	✓	✓	✓	✓	✓	×	×	✓	✓
Il-Finlandja	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Franza	×	×	✓	✓	✓	✓	×	×	✓	✓
Il-Ġermanja	✓	×	✓	✓	✓	×	×	×	✓	×
Il-Greċja	✓	×	✓	×	✓	✓	✓	✓	✓	✓
L-Ungerija	✓	×	×	×	✓	×	×	×	×	×
L-Irlanda	✓	×	×	×	✓	×	×	×	✓	✓
L-Italja	✓	×	×	×	✓	✓	✓	×	✓	×
Il-Latvja	×	×	✓	✓	✓	✓	×	×	✓	×
Il-Litwanja	×	×	✓	×	✓	✓	×	×	✓	×
Il-Lussemburgu	✓	×	✓	×	✓	✓	×	×	✓	×
Malta	✓	×	×	×	✓	✓	✓	×	✓	✓
In-Netherlands	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Il-Polonja	×	✓	×	✓	×	×	✓	×	✓	×
Il-Portugall	✓	✓	✓	×	✓	✓	✓	✓	✓	×
Ir-Rumanija	×	×	×	×	✓	×	✓	✓	×	×
Is-Slovakkja	✓	×	✓	✓	✓	×	✓	✓	✓	✓
Is-Slovenja	×	✓	✓	×	✓	×	✓	✓	✓	×
Spanja	✓	×	✓	×	✓	×	✓	×	✓	×
L-Iżvezja	✓	×	✓	✓	✓	✓	×	×	✓	✓
Ir-Renju Unit	✓	×	✓	×	✓	×	×	×	×	×
✓	22	10	21	14	27	18	16	9	23	13
×	6	18	7	14	1	10	12	19	5	15

Sors: https://www.eea.europa.eu/themes/air/air-pollution-sources-1/national-emission-ceilings/nec-directive-reporting-status-2019, bl-aġġornamenti rilevanti mir-rieżami tal-projezzjonijiet. Dan id-dokument iqis il-preżentazzjoni tard jew il-preżentazzjoni mill-ġdid tal-obbligi tar-rappurtar rilevanti min-naħa tal-Istati Membri u jqabbel il-projezzjonijiet mal-verżjonijiet rilevanti tal-inventarji tal-emissjonijiet.

ANNESS 2

Il-konformità pprojettata kif irrappurtata mill-Istati Membri fl-2019 b'politiki u miżuri addizzjonali (ix-xenarju "b'miżuri addizzjonali") meta mqabbla mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-2020 sal-2029 u għall-2030 'il quddiem

Stat Membru	NO_x		NMVOC		SO_2		NH_3		$PM_{2.5}$	
	2020	2030	2020	2030	2020	2030	2020	2030	2020	2030
L-Awstrija	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Il-Belġju	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Il-Bulgarija	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Il-Kroazja	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Ċipru	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Iċ-Ċekja	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Id-Danimarka	✓	✓	✓	✓	✓	✓	×	×	×	×
L-Estonja	✓	✓	✓	✓	✓	✓	×	×	✓	✓
Il-Finlandja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Franza	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Il-Ġermanja	✓	✓	✓	✓	✓	✓	×	✓	✓	✓
Il-Greċja	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
L-Ungerija	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
L-Irlanda	✓	×	×	×	✓	✓	×	×	✓	✓
L-Italja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Il-Latvja	×	✓	✓	✓	✓	✓	×	✓	✓	✓
Il-Litwanja	×	×	✓	×	✓	✓	✓	×	✓	×
Il-Lussemburgu	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Malta	✓	×	×	✓	✓	✓	✓	×	✓	✓
In-Netherlands	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓	✓
Il-Polonja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Il-Portugall	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Ir-Rumanija	×	×	×	×	✓	×	✓	✓	×	×
Is-Slovakkja	✓	✓	✓	✓	✓	×	✓	✓	✓	✓
Is-Slovenja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Spanja	✓	✓	✓	×	✓	✓	✓	✓	✓	✓
L-Iżvezja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Ir-Renju Unit	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
✓	14	13	14	13	17	15	12	12	15	14
×	3	4	3	4	0	2	5	5	2	3
Ix-xenarju "b'miżuri addizzjonali" mhux irrappurtat	11	11	11	11	11	11	11	11	11	11

Sors: Il-kompilazzjoni tal-EEA abbażi tad-*data* li l-Istati Membri bagħtu fl-2019 skont l-Artikolu 10(2) tad-Direttiva (UE) 2016/2284 u tar-rieżami sussegwenti tagħha. L-Istati Membri li

għalihom ma tingħata l-ebda informazzjoni fit-tabella ma rrappurtawx xenarju "b'miżuri addizzjonali".

ANNESS 3

Valutazzjoni tar-riskju ta' nuqqas ta' konformità mal-impenji għat-tnaqqis tal-emissjonijiet

	L-2020 sal-2029					L-2030 u wara dik id-data				
	SO_2	NOx	NMVOC	NH_3	$PM_{2.5}$	SO_2	NOx	NMVOC	NH_3	$PM_{2.5}$
L-Awstrija	B	B	M	Għ	B	B	Għ	M	Għ	Għ
Il-Belġju	B	B	B	M	B	B	B	B	M	B
Il-Bulgarija	M	Għ	Għ	Għ	B	B	Għ	Għ	Għ	B
Ċipru	B	M	M	B	M	M	B	M	B	Għ
Iċ-Ċekja	B	Għ	Għ	Għ	B	B	Għ	Għ	Għ	B
Il-Ġermanja	B	B	B	Għ	B	B	M	M	M	M
Id-Danimarka	B	B	B	Għ	Għ	Għ	B	B	Għ	Għ
L-Estonja	M	M	M	Għ	M	B	M	B	Għ	M
Il-Greċja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Spanja	B	B	M	M	B	B	B	Għ	M	M
Il-Finlandja	M	M	M	Għ	M	M	M	Għ	M	M
Franza	M	M	M	Għ	M	M	M	M	Għ	Għ
Il-Kroazja	B	B	M	M	M	B	B	M	M	M
L-Ungerija	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
L-Irlanda	B	B	Għ	Għ	B	M	Għ	Għ	Għ	B
L-Italja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Il-Litwanja	M	Għ	Għ	M	M	M	Għ	Għ	Għ	Għ
Il-Lussemburgu	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Il-Latvja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Malta	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
In-Netherlands	B	Għ	M	Għ	M	M	Għ	M	Għ	Għ
Il-Polonja	Għ	Għ	Għ	Għ	M	Għ	Għ	Għ	Għ	Għ
Il-Portugall	M	Għ	Għ	Għ	M	Għ	Għ	Għ	Għ	Għ
Ir-Rumanija	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
L-Iżvezja	B	B	B	Għ	B	B	Għ	B	Għ	B
Is-Slovenja	M	Għ	M	M	M	Għ	M	Għ	Għ	Għ
Is-Slovakkja	-	-	-	-	-	-	-	-	-	-
Ir-Renju Unit	M	M	M	Għ	Għ	Għ	Għ	Għ	Għ	Għ
Riskju għoli	**1**	**7**	**6**	**14**	**2**	**5**	**10**	**10**	**14**	**10**
Riskju medju	**8**	**5**	**10**	**5**	**10**	**6**	**5**	**6**	**5**	**5**
Riskju baxx	**11**	**8**	**4**	**1**	**8**	**9**	**5**	**4**	**1**	**5**
Mhux ivvalutat	**8**	**8**	**8**	**8**	**8**	**8**	**8**	**8**	**8**	**8**

Sors: Ir-rieżami tal-projezzjonijiet nazzjonali tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja u l-valutazzjoni tal-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja: Rapport orizzontali, Ricardo, l-2020 (li fih hija deskritta wkoll il-metodoloġija għall-valutazzjoni tar-riskju) — https://ec.europa.eu/environment/air/reduction/NAPCP.htm.

Didaskalija:
Għ = riskju għoli
M = riskju medju
B = riskju baxx
- = mhux ivvalutat minħabba li d-*data* ma ntbagħtitx jew intbagħtet tard

ANNESS 4

Metodoloġija għat-traċċar tan-nefqa fuq l-Arja Nadifa

1) Approċċ ġenerali għat-traċċar tan-nefqa fuq l-Arja Nadifa

a) Il-prinċipji tat-traċċar tan-nefqa fuq l-arja nadifa fl-UE

Sabiex timmonitorja l-progress fl-użu tal-fondi tal-UE min-naħa tal-Istati Membri għall-objettivi tal-arja nadifa, il-Kummissjoni se "tindika" n-nefqa billi tassenja ponderazzjoni speċifika lill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-UE, li tkun tirrifletti l-punt sa fejn din tikkontribwixxi għall-objettivi tal-arja nadifa.

Dan it-traċċar tan-nefqa fuq l-arja nadifa jibni fuq it-tagħlim meħud mit-traċċar tan-nefqa fuq il-klima u l-bijodiversità li diġà jeżisti fil-Kummissjoni. Huwa jibni wkoll fuq regolamenti proposti tal-programmi li jidentifikaw l-indikaturi ambjentali li għandhom jiġu assenjati għall-finanzjament tal-UE biex tiġi ttraċċata l-kontribuzzjoni ambjentali, b'mod partikulari mill-Fondi ta' Koeżjoni (l-Anness 1 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni) u minn programmi rilevanti oħrajn (pereżempju l-Politika Agrikola Komuni u l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa). Għall-kuntrarju tat-traċċar tan-nefqa fuq il-klima, it-traċċar tan-nefqa fuq l-arja nadifa ma għandux x'jaqsam ma' mira tal-infiq iżda huwa maħsub għall-monitoraġġ tal-finanzjament tal-UE li jikkontribwixxi għall-arja nadifa bil-ħsieb li jiġu implimentati aħjar il-politiki dwar l-arja nadifa fl-Istati Membri.

Il-karatteristiċi ewlenin tat-traċċar tan-nefqa fuq l-arja nadifa huma dawn li ġejjin:
- l-użu ta' indikaturi ta' 100 %, ta' 40 % u ta' 0 %;
- attenzjoni għall-isforz amministrattiv u għas-sempliċità;
- il-konsistenza tal-indikaturi fost il-programmi (il-fatt li attivitajiet simili jiġu indikati b'mod simili);
- it-trasparenza tal-indikaturi;
- l-indipendenza mill-metodoloġiji l-oħrajn tat-traċċar (għan-nefqa fuq il-klima u fuq il-bijodiversità), hekk li kull euro li jintefaq ikun jista' jiġi ttraċċat iktar minn darba.

L-arja nadifa, li hija kwistjoni trażversali, mhux biss tibbenefika minn azzjonijiet immirati lejha stess, iżda wkoll minn impatti ġġenerati minn proġetti ffinanzjati mill-UE f'oqsma tal-politika oħrajn bħal dawk immirati lejn suġġetti bħat-trasport sostenibbli, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (pereżempju l-effiċjenza enerġetika), l-effiċjenza fir-riżorsi u s-saħħa.

b) L-indikaturi tal-arja nadifa tal-UE

L-istess bħalma jiġri fil-każ tat-traċċar tan-nefqa fuq il-klima, għall-finijiet tat-traċċar tan-nefqa fuq l-arja nadifa, in-"nefqa" hija ddefinita bħala l-approprjazzjoni ta' impenn. Dan se jippermetti lill-Kummissjoni u lill-partijiet ikkonċernati jidentifikaw l-infiq fuq l-arja nadifa kmieni fil-proċess. Il-Kummissjoni mhix se timmonitorja l-approprjazzjonijiet ta' pagament u/jew il-ħlasijiet indikati għall-arja nadifa.

L-indikaturi tal-arja nadifa tal-UE huma żviluppati abbażi tal-indikaturi kwalitattivi ta' Rio li l-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp tal-OECD juża biex jidentifika objettivi ambjentali speċifiċi (id-deżertifikazzjoni, il-mitigazzjoni tal-klima, l-adattament għall-klima u l-bijodiversità) għall-proġetti ta' għajnuna għall-iżvilupp, u jibnu fuq l-esperjenza li nkisbet b'rabta mal-indikaturi ta' Rio dwar il-Klima li l-UE tuża.

L-indikaturi tal-arja nadifa tal-UE huma mfassla biex jikkwantifikaw in-nefqa li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-arja nadifa. Minħabba l-firxa ta' proċeduri ta' implimentazzjoni (pereżempju l-ġestjoni ċentralizzata, l-ġestjoni kondiviża, l-istrumenti finanzjarji, l-implimentazzjoni programmabbli jew minn isfel għal fuq), l-approċċ għall-implimentazzjoni jvarja minn programm għall-ieħor u l-metodoloġija ġiet adattata biex tirrifletti ċ-ċirkustanzi speċifiċi. Għalhekk, l-indikaturi jiġu assenjati fl-iktar livell xieraq skont it-tfassil speċifiku ta' kull programm baġitarju — fil-livell tal-proġett, tat-tip ta' intervent, tal-komponent tal-programm jew tal-programm sħiħ.

L-indikaturi huma assenjati bl-approċċ ġenerali:
- 100 % għan-nefqa li mistennija tikkontribwixxi b'mod ewlieni għall-objettivi tal-arja nadifa [parità mal-indikatur 2 ta' Rio tal-OECD];
- 40 % għan-nefqa li mistennija tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-objettivi tal-arja nadifa [parità mal-indikatur 1 ta' Rio tal-OECD];
- 0 % għan-nefqa li ma tikkontribwixxix għall-objettivi tal-arja nadifa.

Dan l-approċċ fuq tliet livelli bilfors jagħmel xi approssimazzjonijiet, u huwa wieħed konservattiv: f'każ ta' dubju u/jew ta' nuqqas ta' informazzjoni preċiża, jintgħażel l-indikatur inferjuri.

Dan l-approċċ ġenerali jissarraf fi proċeduri speċifiċi tat-traċċar li jistgħu jvarjaw minn programm għall-ieħor, li jirriflettu d-differenzi fit-tfassil u fil-modi ta' ġestjoni tagħhom.

c) Rappurtar annwali tad-*data*

Kull sena l-Kummissjoni se tikkonsolida d-*data* dwar l-impenji għall-arja nadifa li mistennija jkun hemm għall-programmi kollha. Fid-dikjarazzjonijiet tal-programmi dwar in-nefqa operazzjonali li jakkumpanjaw l-Abbozz tal-Baġit Annwali, għal kull programm għandha tingħata n-nefqa mistennija fuq l-arja nadifa kull sena.
Kull erba' snin, il-Kummissjoni se tirrapporta wkoll dwar l-użu tal-fondi tal-UE biex jappoġġaw l-objettivi tad-Direttiva fil-kuntest tar-rapport ta' implimentazzjoni tad-Direttiva NEC, u l-ewwel rapport preliminari tagħha b'rabta ma' dan se tagħmlu fil-kuntest tar-rapport ta' implimentazzjoni tal-2020.

2) L-implimentazzjoni tal-approċċ għat-traċċar tan-nefqa fuq l-Arja Nadifa fil-livell tal-programmi

a) Il-programm Orizzont 2020

Azzjoni	**Indikatur**
Objettiv speċifiku — Il-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC)	0 (1)
Objettiv speċifiku — It-teknoloġiji futuri u emerġenti	0 (2)
Objettiv speċifiku — L-azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA)	0 (1)
Objettiv speċifiku — L-infrastrutturi tar-riċerka	0 (1)
Objettiv speċifiku — It-teknoloġiji abilitanti u industrijali	0 (2)
Objettiv speċifiku — L-aċċess għall-finanzjament ta' riskju	0
Objettiv Speċifiku — L-SMEs	0 (2)
Objettiv Speċifiku — Is-saħħa	0
Objettiv Speċifiku — L-ikel	0 (2)
Objettiv Speċifiku — L-enerġija	40
Objettiv Speċifiku — It-trasport	40
Objettiv Speċifiku — Ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u reżiljenti għat-tibdil fil-klima	40
Objettiv Speċifiku — Soċjetajiet Ewropej inklużivi, innovattivi u riflessivi	0
Objettiv Speċifiku — Soċjetajiet Ewropej sikuri	0
Objettiv Speċifiku — It-tixrid tal-eċċellenza u t-twessigħ tal-parteċipazzjoni	0
Objettiv Speċifiku — Ix-xjenza mas-soċjetà u għaliha	0
Objettiv Speċifiku — L-azzjonijiet diretti mhux nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka	0 (2)
Objettiv Speċifiku — L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija	0 (2)

(1) Għall-attivitajiet minn isfel għal fuq bħall-ERC u l-MSCA ma jista' jiġi stabbilit l-ebda valur għal dan l-ewwel eżerċizzju. Dan se jkollu jiġi aġġustat ('il fuq) fl-eżerċizzji tat-traċċar fil-ġejjieni. Fil-QFP li jmiss se tkun tista' tingħata stima iktar preċiża tal-kontribut ta' dawn l-attivitajiet għall-azzjonijiet dwar il-kwalità tal-arja. Sadanittant, ġie applikat indikatur 0 għal dawn l-attivitajiet.
(2) Għalkemm xi wħud minn dawn il-proġetti jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tal-arja nadifa, qed jiġi applikat indikatur "0" għalihom minħabba li m'hemmx informazzjoni preċiża.

Filwaqt li din it-tabella tagħti indikazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-programm Orizzont 2020 għall-finanzjament ta' attivitajiet li minnhom tibbenefika l-arja nadifa, bil-ħsieb li jiġu żgurati ċifri iktar preċiżi, fil-programm Orizzont Ewropa li jmiss (għall-2021 sal-2027), in-nefqa marbuta mal-arja nadifa se tiġi ttraċċata fil-livell tas-sejħiet għall-proposti jew tal-proġetti permezz tal-formati tar-rappurtar korrispondenti.

b) L-investimenti strateġiċi Ewropej: il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS)

L-FEIS[1] huwa inizjattiva li tnediet fl-2015 fil-kuntest tal-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa (il-Pjan ta' Juncker) sabiex jgħin biex jiġu indirizzati d-diskrepanzi fl-investiment fl-Unjoni Ewropea. Dan il-Fond għandu l-karatteristiċi ewlenin li ġejjin:

- Skont l-FEIS, l-Unjoni tipprovdi garanzija irrevokabbli u mingħajr kundizzjonijiet[2] lill-BEI biex jipprovdi operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment eliġibbli lill-benefiċjarji aħħarin.
- L-FEIS huwa magħmul minn żewġt itwieqi:

i) l-azzjonijiet appoġġati mit-Tieqa għall-Infrastruttura u għall-Innovazzjoni (IIW) jikkonċernaw operazzjonijiet diretti u intermedjati ta' finanzjament lill-benefiċjarji aħħarin li, skont in-natura u l-ambitu tagħhom, jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tal-arja nadifa. L-operazzjonijiet fil-kuntest tat-Tieqa għall-Infrastruttura u għall-Innovazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2019 ġew eżaminati bir-reqqa u kull waħda minnhom ingħatat l-Indikatur ix-xieraq ta' Rio tal-OECD: ġie attribwit indikatur ta' 100 % għall-operazzjonijiet li jikkontribwixxu b'mod ewlieni għall-objettivi tal-arja nadifa filwaqt li ġie attribwit indikatur ta' 40 % għal dawk kollha li mistennija jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għal dawk l-objettivi[3] — jiġifieri dawk li jwasslu għall-mitigazzjoni tat-tniġġis tal-arja;

ii) it-Tieqa għall-SMEs (SMEW) tiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament tas-self u tal-ekwità għall-intrapriżi ż-żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u tiġi implimentata mill-FEI. Uħud mill-azzjonijiet appoġġati u mill-benefiċjarji aħħarin jistgħu potenzjalment jappoġġaw l-objettivi tal-arja nadifa. Madankollu, minħabba d-diversità tal-portafolli appoġġati u d-daqs żgħir tat-tranżazzjonijiet individwali, huwa impossibbli li ssir stima tal-kontribuzzjoni għall-objettivi tal-arja nadifa.

- L-appoġġ tal-FEIS jingħata permezz ta' garanzija baġitarja li tammonta għal EUR 26 biljun. L-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-inadempjenzi potenzjali[4] tal-operazzjonijiet koperti mill-Garanzija tal-UE jitħallsu minn fond ta' garanzija li jikkostitwixxi riżerva ta' likwidità. Din ir-riżerva ta' likwidità fil-kuntest tal-Fond ta' Garanzija tal-UE tammonta għal EUR 9.1 biljun (ammont ipprovdut). Il-kontribuzzjonijiet totali mill-baġit ġenerali tal-Unjoni jammontaw għal EUR 8.43 biljun u huma kkomplimentati minn EUR 0.675 biljun mid-dħul u mir-ripagamenti.

Filwaqt li tqiesu dawn il-karatteristiċi, saret stima tal-kontribuzzjoni tal-FEIS għall-arja nadifa għall-IIW biss. Għalhekk, l-ammont tal-appoġġ tal-FEIS għall-objettiv

[1] Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/2396 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017.

[2] Il-Garanzija tal-UE u r-riżorsi relatati fil-Fond ta' Garanzija tal-UE jkopru portafoll ta' operazzjonijiet ta' finanzjament u ta' investiment u mhumiex delimitati għal proġetti speċifiċi.

[3] L-istimi huma bbażati fuq approċċ konservattiv li jqis il-fatt li r-Regolament dwar l-FEIS u d-dokumenti kuntrattwali ma jipprevedux ir-rappurtar u t-traċċar tal-investimenti appoġġati li jikkontribwixxu għall-objettivi tal-arja nadifa.

[4] F'każ li ma jkun hemm l-ebda inadempjenza, il-proġetti jibqgħu ggarantiti u appoġġati. Madankollu, ma jkunx hemm ħruġ mill-baġit tal-UE.

tal-arja nadifa ġie kkalkulat bħala s-somma tal-kontribuzzjoni ta' kull operazzjoni kif iddeterminata mill-indikatur rilevanti fil-31 ta' Diċembru 2019.

c) L-FNE — Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa

L-azzjoni/il-qasam (ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013)	**L-azzjoni/il-qasam (COM(2018) 438 final — C8-0255/2018 — 2018/0228(COD) għall-2021 sal-2027)**	**Indikatur**
L-FNE — l-enerġija[5]		
L-elettriku	L-elettriku	40
Il-gass	Il-gass	40
Il-grilji intelliġenti	Il-grilji intelliġenti	40
In-netwerks tas-CO2	In-netwerks tas-CO2	0
	Il-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli	40
L-FNE — it-trasport		
	Il-mod tat-trasport ferrovjarju: 40 % (inkluża l-ERTMS)	40
	Il-mod tat-trasport tal-passaġġi fuq l-ilma interni	40
	Il-mod tat-trasport marittimu	40
	L-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi (mhux fin-nodi urbani)	40
	In-nodi urbani (fosthom l-infrastrutturi, id-diġitalizzazzjoni u l-fjuwils alternattivi)	100
	Il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru	0[6]

d) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond ta' Koeżjoni (FK)

Kodiċijiet u oqsma ta' intervent mogħtija fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 215/2014 għall-2014 sal-2020		**Kodiċijiet u oqsma ta' intervent u koeffiċjent ta' *Rio* għall-ambjent mogħtija fid-dokument COM(2018) 375 final għall-2021 sal-2027**		**Indikatur tal-Arja Nadifa**
Kodiċi	Qasam	Kodiċi	Qasam	
65	L-infrastruttura tar-riċerka u tal-innovazzjoni, il-	22	Il-proċessi tar-riċerka u tal-innovazzjoni, it-trasferiment tat-	40

[5] Minħabba l-approċċ konservattiv tal-metodoloġija, jista' jkun li ġiet issottovalutata l-kontribuzzjoni tal-azzjonijiet tal-FNE fil-qasam tal-enerġija marbutin mal-elettriku, mal-grilji intelliġenti u mal-proġetti transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli għall-objettivi tal-arja nadifa.

[6] Il-metodoloġija ssegwi approċċ konservattiv: parti mill-azzjonijiet tal-FNE marbutin mal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru tinkludi appoġġ għat-tnedija ta' funzjonalitajiet ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-ajruporti li, permezz ta' ġestjoni iktar effiċjenti tat-traffiku u tal-operazzjonijiet tal-qtugħ, tal-illandjar u tat-taxiing, jistgħu jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja fl-ajruporti u fl-inħawi ta' madwarhom.

	proċessi, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kooperazzjoni f'intrapriżi li jiffukaw fuq ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u fuq ir-reżistenza għat-tibdil fil-klima		teknoloġija u l-kooperazzjoni bejn l-impriżi li jiffukaw fuq l-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, ir-reżiljenza u l-adattament għat-tibdil fil-klima	
		23	Il-proċessi tar-riċerka u tal-innovazzjoni, it-trasferiment tat-teknoloġija u l-kooperazzjoni bejn l-intrapriżi li jiffukaw fuq l-ekonomija ċirkolari	40
068	L-effiċjenza enerġetika u l-proġetti ta' dimostrazzjoni fl-SMEs u l-miżuri ta' appoġġ	24	L-effiċjenza enerġetika u l-proġetti ta' dimostrazzjoni fl-SMEs u l-miżuri ta' appoġġ	40
014	Ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-ammont ta' djar eżistenti, il-proġetti ta' dimostrazzjoni u l-miżuri ta' appoġġ	25	Ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-ammont ta' djar eżistenti, il-proġetti ta' dimostrazzjoni u l-miżuri ta' appoġġ	40
013	Ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura pubblika, il-proġetti ta' dimostrazzjoni u l-miżuri ta' appoġġ	26	Ir-rinnovazzjoni tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura pubblika, il-proġetti ta' dimostrazzjoni u l-miżuri ta' appoġġ	40
071	L-iżvilupp u l-promozzjoni ta' intrapriżi li huma speċjalizzati fil-provvista ta' servizzi li jikkontribwixxu għall-ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u għar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima (inkluż l-appoġġ għat-tali servizzi)	27	Appoġġ lill-impriżi li jipprovdu servizzi li jikkontribwixxu għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u għar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima	40
009	Enerġija rinnovabbli: ir-riħ	28	Enerġija rinnovabbli: ir-riħ	40
010	Enerġija rinnovabbli: ix-xemx	29	Enerġija rinnovabbli: solari	40
		31	Enerġija rinnovabbli: tal-baħar	40

012	Enerġija rinnovabbli oħra (inkluża l-enerġija idroelettrika, ġeotermali u tal-baħar) u l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli (inkluża l-infrastruttura għall-ħżin, għall-gass bl-elettriku u għall-idroġenu rinnovabbli)	32	Enerġija rinnovabbli oħra (inkluża l-enerġija ġeotermali)	40
015	Sistemi Intelliġenti ta' Distribuzzjoni tal-Enerġija b'livelli ta' vultaġġ baxxi u medji (inklużi l-grilji intelliġenti u s-sistemi tal-ICT)	33	Sistemi ta' Distribuzzjoni tal-Enerġija Intelliġenti b'livelli ta' vultaġġ medji u baxxi (inklużi l-grilji intelliġenti u s-sistemi tal-ICT) u l-ħżin relatat	40
016	Il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u t-tisħin distrettwali	34	Il-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja, it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali	40
017	Il-ġestjoni tal-iskart domestiku (inkluż il-minimizzazzjoni, l-issortjar u l-miżuri ta' riċiklaġġ)	42	Il-ġestjoni tal-iskart domestiku: il-prevenzjoni, il-minimizzazzjoni, is-separazzjoni u l-miżuri ta' riċiklaġġ	40
069	L-appoġġ għal proċessi ta' produzzjoni li jirrispettaw l-ambjent u l-effiċjenza fir-riżorsi fl-SMEs	47	L-appoġġ għall-proċessi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi fl-SMEs	40
083	Miżuri b'rabta mal-kwalità tal-arja	48	Miżuri għall-kwalità tal-arja u għat-tnaqqis tal-ħsejjes	100
085	Il-protezzjoni u t-titjib tal-bijodiversità, il-ħarsien tan-natura u l-infrastruttura ekoloġika	50	Il-protezzjoni tan-natura u tal-bijodiversità, l-infrastruttura ekoloġika	40
		63	Diġitalizzazzjoni tat-trasport: toroq	40
024	Il-ferroviji (TEN-T Ewlieni)	64	Linji ferrovjarji mibnija ġodda - in-netwerk ewlieni TEN-T	40
025	Il-ferroviji (TEN-T komprensiv)	65	Linji ferrovjarji mibnija ġodda - in-netwerk komprensiv TEN-T	40
026	Ferroviji oħra	66	Linji ferrovjarji mibnija ġodda oħra	40
		67	Linji ferrovjarji mibnija mill-ġdid jew imtejba -	40

			in-netwerk ewlieni TEN-T	
		68	Linji ferrovjarji mibnija mill-ġdid jew imtejba - in-netwerk komprensiv TEN-T	40
		69	Linji ferrovjarji oħra mibnija mill-ġdid jew imtejba	40
		70	Diġitalizzazzjoni tat-trasport: linji ferrovjarji	40
		71	Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS)	40
027	L-assi mobbli tal-ferrovija	72	Assi ferrovjarji mobbli	40
043	Infrastruttura u l-promozzjoni tat-trasport urban nadif (inkluż tagħmir u vetturi ferrovjarji)	73	Infrastruttura tat-trasport urban nadif	40
		74	Materjal fuq ir-roti tat-trasport urban nadif	100
090	Rotot għar-roti u għall-mixi	75	Infrastruttura ċiklistika	100
		76	Diġitalizzazzjoni tat-trasport urban	40
		77	Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi	40
035	Trasport multimodali (TEN-T)	78	Trasport multimodali (TEN-T)	40
036	Trasport multimodali	79	Trasport multimodali (mhux urban)	40
		84	Diġitalizzazzjoni tat-trasport: modi oħra ta' trasport	40
007	Gass naturali			40
008	Gass naturali (TEN-E)			40
023	Miżuri ambjentali mmirati biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u/jew jiġu evitati (inkluż it-trattament u l-ħażna ta' gass tal-metan u kompostjar)			40
044	Sistemi intelliġenti tat-trasport (inkluż l-introduzzjoni tal-ġestjoni tad-domanda, sistemi ta' nollijiet,			40

	monitoraġġ ta' kontroll tal-IT u sistemi ta' informazzjoni)			
070	Il-promozzjoni tal-effiċjenza tal-enerġija f'impriżi kbar			40
084	Il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis (IPPC)			40

Kwalunkwe qasam ta' intervent li ma jidhirx f'din it-tabella ġie mmarkat b'0 għall-finijiet tat-traċċar tan-nefqa fuq l-arja nadifa.

e) Il-Politika Agrikola Komuni

Azzjoni	**Indikatur**
Il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR)	
L-oqsma ta' prijorità 2A (il-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli)[7]	0
Il-qasam ta' prijorità 5B (l-effiċjenza enerġetika)	40
Il-qasam ta' prijorità 5D (it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tal-emissjonijiet tal-ammonijaka mis-settur tal-agrikoltura)	40
L-ewwel pilastru tal-PAK[8]	0

f) Il-programm LIFE

Azzjoni	**Indikatur**
Il-proġetti bl-arja nadifa bħala objettiv ewlieni, bħal dawn li ġejjin: - il-proġetti integrati għall-arja nadifa (inklużi l-proġetti ta' assistenza teknika, jekk ikun applikabbli) - il-proġetti tradizzjonali fil-qasam tal-ambjent u tal-effiċjenza fir-riżorsi li jikkontribwixxu għall-arja nadifa bħala suġġett prijoritarju - il-proġetti tradizzjonali fil-qasam tal-governanza ambjentali u tal-informazzjoni dwar l-ambjent li jiffukaw fuq l-arja nadifa - il-proġetti preparatorji li jiffukaw fuq l-arja nadifa - l-għotjiet operattivi għall-NGOs li jiffukaw fuq l-arja nadifa	100
Il-proġetti li jikkontribwixxu għall-arja nadifa, bħal dawn li ġejjin: - il-proġetti integrati fil-kuntest tas-sottoprogramm għall-ambjent li jikkontribwixxu għall-arja nadifa (inklużi l-proġetti ta' assistenza	40

[7] Il-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli jista' jkollha effett pożittiv fuq l-arja nadifa. Madankollu, diffiċli ssir distinzjoni bejn l-investimenti għall-modernizzazzjoni tal-azjendi agrikoli li għandhom effett fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-ammonijaka minn investimenti oħrajn, u dawn mhux mistennija jirrappreżentaw perċentwal għoli.

[8] Wieħed mill-elementi tal-kundizzjonalità, il-Kundizzjoni Agrikola u Ambjentali Tajba numru 6: "il-projbizzjoni li tinħaraq il-qasbija fir-raba' tal-ħrit biex tinżamm il-materja organika fil-ħamrija", ikkontribwixxa għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-PM-10. Madankollu, minħabba d-diffikultà biex tiġi kkwantifikata l-kontribuzzjoni u l-valur baxx li dan l-element mistenni jkollu fil-valur globali tal-pagamenti diretti, il-kontribuzzjoni hija stabbilita fil-livell ta' 0 %.

teknika, jekk ikun applikabbli) - il-proġetti tradizzjonali fil-qasam tal-ambjent u tal-effiċjenza fir-riżorsi li jikkontribwixxu għall-arja nadifa bħala benefiċċju sekondarju - il-proġetti tradizzjonali fil-qasam tal-governanza ambjentali u tal-informazzjoni dwar l-ambjent li jikkontribwixxu għall-arja nadifa bħala benefiċċju sekondarju - il-proġetti preparatorji li jikkontribwixxu għall-arja nadifa bħala benefiċċju sekondarju - il-proġetti integrati fil-kuntest tas-sottoprogramm għall-azzjoni klimatika li jikkontribwixxu għall-arja nadifa (inklużi l-proġetti ta' assistenza teknika, jekk ikun applikabbli) - il-proġetti tradizzjonali fil-qasam tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima li jikkontribwixxu għall-arja nadifa bħala benefiċċju sekondarju - il-proġetti tradizzjonali fil-qasam tal-governanza klimatika u tal-informazzjoni dwar il-klima li jikkontribwixxu għall-arja nadifa bħala benefiċċju sekondarju - l-għotjiet operattivi għall-NGOs li jikkontribwixxu għall-arja nadifa	
Il-proġetti jew l-attivitajiet li ma jidħlux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kategoriji msemmijin hawn fuq	0

Fil-kuntest tal-programm LIFE, l-arja nadifa hija appoġġata minn proġetti tradizzjonali u integrati ddedikati, iżda peress li din hija kwistjoni trażversali, l-arja nadifa tibbenefika wkoll mill-impatti ġġenerati mill-proġetti tal-programm LIFE li jiffukaw b'mod ewlieni fuq suġġetti oħrajn bħall-ilma, l-istorbju u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima (pereżempju l-effiċjenza enerġetika).

3) L-ammont ta' fondi tal-UE ddedikati għall-objettivi tal-arja nadifa skont il-metodoloġija ta' hawn fuq

Programm	Kontribuzzjoni stmata għall-arja nadifa għall-2014 sal-2020 (f'miljuni ta' EUR)
Orizzont 2020	4 219
FEIS	819
FNE	8 830
FEŻR	20 458
FK	10 874
FAEŻR	1 138
LIFE	105
TOTAL	**46 443**